**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 54/2023/2**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Stephen Portelli**

**Illum, 10 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **STEPHEN PORTELLI** ta' sitta u erbghin (46) sena, bin Carmelo u Carmela xebba Mangion, imwieled Pieta, nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u sebghin (1977) u residenti, 30, Triq il-Kbira, Tarxien, Malta, u detentur tal-Karta tal-identita' bin-numru **541877M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL (1) KAP**

***Assocjazzjoni ghall-Bejgh u/jew Traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis***

**Il-fatti:**

Illi nhar l-ghaxra (10) t'April tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fil-granet ta' qabel din id-data, Stephen Portelli (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att ta'Akkuza msejjah "l-akkuzat") xjentement iddecieda illi jibda **jassocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra sabiex jbiegh, imexxi jew jittraffika d-droga (raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza) gewwa l-Gzejjer Maltin;**

Illi mill-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija jirrizulta illi l-akkuzat Stephen Portelli flimkien ma terza persuna ddecidew illi jibdew negozju ta' tmexxija u traffikar ta' droga Cannabis. L-akkuzat Stephen Portelli ftiehem u ppjana mal-imsemmi terza persuna, mhux biss in-natura tad-droga li kellha tigi mibjugha, imexxija jew traffikata izda ukoll l-mod ta' kif kellha tigi trasportata. Il-pjan kien illi t-terza persuna kellu jhalli d-droga f'post miftiehem bejnu u bejn l-akkuzat Stephen Portelli u l-akkuzat Stephen Portelli kellu jigborha minn hemmhekk u jehodha f'post miftiehem bejniethom.

Illui in esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub u miftiehem minn qabel, nhar l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015), ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19:00), l-akkuzat mar jiltaqa' ma' dan it-terza persuna il-bajja ta' San Tumas fejn hemmhekk dan it-terza persuna dahal b'sghajsa bl-isem ta' *White Sands*. Fuq id-dghasa kien hemm certu Martin Cachia. Minn fuq id-dghajsa nizel Martin Cachia li mieghu nizzel landa u basket, dahal bihom fil-karozza tal-akkuzat Stephen Portelli (Maruti Gypsy ahmar bil-pjanci ta' registrazzjoni LCI 545) u dawn it-tnejn telqu minn fuq il-post. Wara li l-akkuzat Stephen Portelli wassal lil Martin Cachia id-dar tieghu gewwa x-Xghajra, ircieva telefonata minghand l-imsemmi terza persuna sabiex imur hdejn il-kamra li hu ghandu f'Delimara u jigbor zewg basktijiet mgezwrin bit-tape kannella. F'dawn il-basktijiet kien hemm mohbija sitta u tletin (36) blokka ta' lewn kannella li l-piz net totali taghhom kien ta' ghoxrin elf, tmien mija u sebghin u tletin gramma punt tmienja u hamsin (20,837.85 grammi). Meta dain is-sustanza giet analizzata mill-espert imqabbad mill-Magistrat Inkwerenti rrizulta illi dawn is-sitta u tletin (36) blokka ta' lewn kannella kienu raza mehuda mill-pjanta Cannabis li fihom instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) b'purita ta' circa sebgha punt tmienja fil-mija (7.8%) u b'valura ta' erba' mija u sittax-il elf, seba' mija u sebgha u hamsin Ewro (EUR 416, 757).

Illi b'xorti tajba il-Pulizija Maltija kienet irċiviet informazzjoni, illi kienet dieħla ammont sostanzjali ta' droga ġewwa Malta permezz ta' dgħajsa li ġġib l-isem ta' *White Sands* u dan kellu jsir fl-akwati tan-naħa ta' isfel ta' Malta (Wied il-Għajn, Birżebbuġa,

Marsaxlokk jew Delimara). Għaldaqstant, il-Pulizija stazzjonat xi uffiċjali f'dawn l-inħawi sabiex kif tirċievi aktar informazzjoni tkun tista' tintervjeni. Għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) il-Pulizija osservaw mill-bogħod id-dgħajsa bl-isem ta' *White Sands* tidħol fil-bajja ta' San Tumas, li fuqha kien hemm żewġ (2) persuni, titrakkan mal-moll. L-akkużat Stephen Portelli deher javviċina lil dawn iż-żewġ (2) persuni bil-vettura tiegħu Maruti tal-għamla Gypsy ħamra bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni LCI 545. Meta l-akkużat Stephen Portelli wasal viċin id-dgħajsa, waħda minn dawn iż-żewġ (2) persuni niżlet minn fuq id-dgħajsa u ħattet xi affarijiet minn fuqha u dawn ġew mgħobbija fil-vettura tal-akkużat Stephen Portelli. Il-persuna li niżlet minn fuq id-dgħajsa rikbet u telqet mal-akkużat Stephen Portelli bil-vettura tal-akkużat. Id-dgħajsa allontanat ruħha minn mal-moll u ħarġet il-barra mill-bajja ta' San Tumas.

Illi l-Pulizija kompliet tirċievi aktar informazzjoni, fil-ħinijiet bejn is-sebgħa u nofs u t-tmienja, li l-istess dgħajsa (White Sands) daħlet fl-akkwati ta' Delimara, tniżżlu xi affarijiet minn fuqha suspettati droga u nġabru mill-vettura tad-ditta Maruti Gypsy ħamra hawn fuq imsemmija. Hekk kif il-vettura kienet għaddejja minn ħdejn il-kappella tas-silġ f'Marsaxlokk din ġiet imwaqqfa. Illi wara tfittxijiet li saru fuq din il-vettura mill-Pulizija, dejjem fil-preżenza tal-akkużat Stephen Portelli instabu żewġ (2) pakketti imgeżwrin fit-*tape* li kienu jidhru suspettużi. Hekk kif waslu lura d-Depot tal-Pulzija nfetħu ż-żewġ (2) pakketti fil-preżenza tal-akkużat, li kienu jikkonsistu f'żewġ basktijiet imgeżwrin b'tape kannella u fihom kien hemm blokok ta' droga Cannabis. Minn eżamijiet li saru mill-espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwerenti irriżulta illi dawn il-blokok kienu raża meħuda mill-pjanta Cannabis li fihom instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż net totali ta' dawn il-blokok hwa dak ta' għoxrin elf, tmien mija u sebgħa u tletin gramma filwaqt li l-purita medja tal-istess kienet dik ta' ċirca sebgħa punt tmienja fil-mija (7.8%).

Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti huwa ta' ċirka erba' mija u sittax -il elf, sebgħa mija u sebgħa u ħamsin Ewro (€416,757);

Illi d-droga *Cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta;

**Il-Konsegwenzi:**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Stephen Portelli** rrenda ruħu ħati talli nhar l-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew ffinanzja din l-assoċjazzjoni;

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi **Stephen Portelli**, ħati talli nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data, **assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.**

U peress li b'dak li hawn qiegħed jiġi addebitat lill-akkużat Stephen Portelli, jiġi wkoll li huwa kkommetta dan id-delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, peress illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-sitta (6) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014), huwa ġie misjub ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna u ħsara volontarja ta' ħwejjeġ ħaddieħor u ingħata tmintax (18) -il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin, l-Avukat Ġenerali jaddebitah ukoll bil-kommissjoni ta' reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

**Il-Piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Portelli**, u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf, erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a)(b), 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7)(9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28A 28B, 28Ċ, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP**

***Produzzjoni, Bejgħ jew Traffikar tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis***

**Il-Fatti:**

Illi fl-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fil-ġranet ta' qabel fil-kuntest taċ-ċirkostanzi hekk kif narrati u msemmija fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, l-akkużat **Stephen Portelli,** ddeċieda li jibda illegalment imexxi u jittraffika fid-droga perikoluża Cannabis.

Fil-fatt fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża u cioe' fl-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fil-ġranet ta' qabel ta' din id-data, in esekuzzjoni tal-ftehim u l-pjanijiet hawn fuq imsemmija fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat Stephen Portelli, għabba żewġ pakketti kontinenti basktijiet mimlija droga raża meħuda mill-pjanta tal-Cannabis ġewwa l-vettura tiegħu Maruti Gypsy aħmar bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni LCI 545 u

beda jġorr din id-droga minn Delimara għal post miftiehem ma' terza persuna. Fortunatament din id-droga instabet mill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet u tfittxijiet illi saru rigward il-mertu tal-każ odjern;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwerenti ġie determinat illi l-pakketti misjuba fil-karozza tal-akkużat Stephen Portelli kienu jikkontjenu sitta u tletin (36) blokka ta' lewn kannella kienu raża meħuda mill-pjanta Cannabis li fihom instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) b'purita ta' ċirca sebgħa punt tmienja fil-mija (7.8%) u b'valur ta' erba' mija u sittax -il elf, seba' mija u sebgħa u ħamsin Ewro (EUR 416,757).
Illi r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta u l-akkużat Stephen Portelli ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**
Illi b'għemilu, l-akkużat **Stephen Portelli** sar ħati talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda nhar l-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, ipproduċa, biegħ jew xort' oħra ttraffika r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kellux liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzat għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

**<u>L-Akkuża:</u>**

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuża lill-imsemmi akkużat **Stephen Portelli**, ħati talli ta' nhar l-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ipproduċa, biegħ jew xort' oħra ttraffika r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża meta ma kellux liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa Pubblika u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzat għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

U peress li b'dak li hawn qiegħed jiġi addebitat lill-akkużat Stephen Portelli, jiġi wkoll li huwa kkommetta dan id-delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, peress illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-sitta (6) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014), huwa ġie misjub ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna u ħsara volontarja ta' ħwejjeġ ħaddieħor u ingħata tmintax (18) -il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin, l-Avukat Ġenerali jaddebitah ukoll bil-kommissjoni ta' reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

**<u>Il-Piena mitluba:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Portelli,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf, erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk

misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 7, 8(a)(b), 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24, 24A, 26 u 28 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17,18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28A 28B, 28Ċ, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 49 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIELET (3) KAP</u>**

***<u>Pussess aggravat tar-raża meħuda mill-pjanta Cannabis</u>***

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi msemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe' nhar l-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija, waqt li l-akkużat kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Maruti Gypsy bin-numru ta' reġistrazzjoni LCI 545 fl-inħawi tal-Kappella tas-Silġ f'Marsaxlokk, hu twaqqaf mill-Pulizija viċin l-istess kappella.

Illi wara li sar stħarriġ fuq din l-istess vettura mill-Pulizija fil-preżenza tal-akkużat Stephen Portelli, instabu żewġ pakketti imgezwrin b'tape kannella li meta infetħu irriżulta illi kienu basktijiet mimlija droga suspettata raża meħuda mill-pjanta tal-Cannabis. Fihom kien hemm sitta u tletin (36) blokka ta' lewn kannella li l-piż net totali tagħhom kien ta' għoxrin elf, tmien mija u sebgħa u tletin gramma punt tmienja ħamsa (20,837.85 grammi). Din is-sustanza ġiet mgħoddija għal aktar stħarriġ kimiku lill-spiżjar nominat mill-Maġistrat Inkwerenti, fejn ġie irriżulta illi dawn is-sitta u tletin (36) blokka ta' lewn kannella kienu raża meħuda mill-pjanta Cannabis li fihom instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) b'purita ta' ċirca sebgħa punt tmienja fil-mija (7.8%) u b'valur ta' erba' mija u sittax -il elf, seba' mija u sebgħa u ħamsin Ewro (EUR 416,757).

Ir-raża tal-pjanta cannabis, li ġo fiha tinstab is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) hija ikkontrollata taħt l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-akkużat Stephen Portelli ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Illi għaldaqstant jirriżulta illi fl-għaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-akkużat Stephen Portelli kien xjentement fil-pussess ta' dawn il-blokok raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, **liema droga ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu** u dana hekk kif jindika l-ammont sostanzjali ta' droga misjuba.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Stephen Portelli** sar ħati talli nhar l-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kellu fil-pussess xjenti tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li **dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;**

**L-akkuża:**

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija,

akkuża lill-imsemmi **Stephen Portelli** ħati talli fl-għaxra (10) t'April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess xjenti tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li **r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;**

U peress li b'dak li hawn qiegħed jiġi addebitat lill-akkużat Stephen Portelli, jiġi wkoll li huwa kkommetta dan id-delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, peress illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-sitta (6) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014), huwa ġie misjub ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna u ħsara volontarja ta' ħwejjeġ ħaddieħor u ingħata tmintax (18) -il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin, l-Avukat Ġenerali jaddebitah ukoll bil-kommissjoni ta' reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

**<u>Il-piena mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Stephen Portelli, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf, erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern

ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a)(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1C)(a)(i)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28A 28B, 28Ċ, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet prezentti mill-akkuzat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Frar 2024 fejn ecepixxa is-segwenti:-

1. In-nullita tat-tieni kap tal-akkuza in kwantu l-fatt migjub fil-parti narattiva ma jikkostitwix fis-sustanza ir-reat migjub jew deskritt fil-parti akkuzatorja ta' l-istess kap.
2. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, in-nullita tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu ir-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt fis-sustanza bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi u cioe fl-artikolu 8 (b) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi ( Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta)
3. In-nullita tt-tielet kap ta' l-akkuz in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt fis-sustanza bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi u cioe fl-artikolu 8 (a) ta' L-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi ( Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta ).
4. Mighajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent ghandhom jitnehhew mit-tlett kapi ta l-Att tal-Akkuza r-referenza ghall-artikoli 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F , 28G u 28H u 49 tal-Kodici Kriminali in kwantu fl-ewwel lok ma giex akkuzat fl-istess kapi li kkommetta reat fil-perijodu operttiv ta' sentenza sospiza jew bir-recidiva u fit-tieni lok ghaliex is-sentenza li ghaliha presumilment qed issir referenza ghaddiet in gudikat fis-6 ta' Dicembru, 2016 u cioe wara l-perijodu indikat fil-parti narattiva tal-kapijiet rispettivi ta' l-att ta' l-akkuza.

5. L-inammisbilita tax-xhieda u tar-relazzjonijiet ta' Martin Bajjada u Godwin Sammut konnessi ma l-inkjesta magisterjali bin-numru 11/2015 in kwantu ghalkemm jidher li gew nominati mil-Magistrat Inkwirenti ma inghataw ebda inkarigu
6. Ghandu jitnehha id-dikjarazzjonijiet dwar '*glied*' maghmula mill-esponent fl-istqarrijiet tieghu in kwantu ma hemm ebda konnessjoni mal-kaz in desamina.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezjonijiet tal-akkzuat u dan fis-seduta tat-3 ta Gunnju 2024.

Rat li l-kawza tinsab differita gha sentenza preliminari ghal illum.

Ikkunsidrat

Din il-Qorti issa sejra tghaddi minnufih sabiex tippronunzja ruha dwar l-ewwel, **it-tieni u tielet eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat**. Permezz ta'dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat qieghed jecepixxi n-nullita' ewwel, it-tieni u tielet Kapi tal-Att t'Akkuza rispettivament. Fir-rigward l-ewwel eccezzjoni r-raguni li qed jghid l-akkuzat hija li l-fatt migjub fil-parti narrativa ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fil-parti akkuzatorja ta' l-istess kap. In oltre, fil-tieni u tielet eccezzjoni tieghu l-akkuzat qieghed isostni illi r-reat fit-tieni u tielet Kap ma giex migjub jew deskritt, fis-sustanza , bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi

Dawn l-eccezzjonijiet huma msejsin fuq l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u li jipprovdi hekk:

> *'(5) L-inkompetenza tal-qorti u n-nullità tal-att tal-akkuża jistgħu jinġiebu wkoll 'il quddiem mill-qorti ex officio, sew qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-akkuża kemm wara l-verdett tal-ġuri:*
>
> *Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;*
*(b) meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att'*

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**[1] fejn fuq dan il-punt il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> '9. Issa, biex tirnexxi eċċezzjoni bħal din jeħtieġ li jirriżulta li l-fatti kif deskritti fl-Att ta' Akkuża jew fil-Kap ta' l-Att ta' Akkuża li jkun qed jiġi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jiġi addebitat l-akkużat f'dak l-att jew f'dak il-Kap (ara Appelli Kriminali **Ir-Republika ta' Malta v. Aibrahim Bashir Ben Matue**, 15 ta' Frar 1996; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Gatt et**, 22 ta' Mejju 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici**, 22 ta'April 2004). F'dawk is-sentenzi ġiet ċitata ġurisprudenza kopjuża ħafna fejn intqal ukoll li fl-eżami biex tara jekk il-fatti kif esposti humiex marbuta mal-parti akkużatorja, il-Qorti trid toqgħod fuq il- fatti kif miġjuba fl-Att ta' Akkuża u mhux fuq il-fatti kif jistgħu jirriżultaw mill-atti tal-istruttorja jew kif eventwalment jistgħu jirriżultaw fil-kors tal-ġuri.
>
> 10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Frederick Joseph Grech** mogħtija minn

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar it-2 ta' Mejju, 2013.

din il-Qorti diversament komposta fit-28 ta' Diċembru 2009 intqal dwar l-imsemmi paragrafu (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449:

"Jibda biex jingħad li l-paragrafu (b) aktar 'l fuq imsemmi jitkellem dwar li l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi "*fis-sustanza*" ir-reat li jkun ġie addebitat lill-akkużat, u għalhekk jekk dak il-fatt "fis-sustanza" – u mhux neċessarjament bl-użu ta' kliem preċiżi jew sagramentali – jammonta għar-reat dedott, ma jkun hemm ebda nullita` tal-Att ta' Akkuża (jew ta' xi kap partikolari tiegħu skond il-każ). **L-iskop kemm ta' din id-disposizzjoni kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-istess proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li minn banda l-akkużat ikun jaf sew biex qed jiġi akkużat u għalhekk għal x'hiex irid jiddefendi ruħu, u, fit-tieni lok, li persuna, wara l-verdett tal-ġurati – verdett li, fir-realta`, huwa dikjarazzjoni li ċerti fatti avveraw ruħhom – ma tiġix ikkundannata għal fatt li ma jammontax għal reat.[2]"**

Ghaldaqstant, kif inghad supra, l-iskop tas-sub-incizi (a) u (b) tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 hu li l-akkuzat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jibni d-difiza tieghu u li wara l-verdett tal-gurati li, fil-verita', hija dikjarazzjoni li ċerti fatti saru, ma jigix ikkundanat ghal fatt li ma jammontax ghal reat. Dan l-istess ragunament inghata ricentment fis-sentenza oghtija minn din l-istss qorti fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Deniro Magri** deciza nhar l-24 ta Gunju 2024.

[2] Enfasi ta' din il-Qorti

Fit-tieni u tielet eccezzjoni l-akkuzat qed jecepixxi in-nullita tat-tieni u tielet Kap ta' l-Akkuza in kwantu r-reat fih dedott ma giex migjub jew deskritt fis-sustanza bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi u cioe fl-artikolu 8 (b) u 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta L-akkuzat qed jghid li l-fatti kif migbura mill-Avuakt Generali ma jikkostitwux ir-rat ta traffikar ta droga ghalkemm forsi ghar reat iehor u ghahekk stiden lil qorti sabiex tara jekk dak deskritt fil-parti narattiva tal-Att ta Akkuza jammontax ghar-reat ta traffikar.

L-artikolu 8 (a) u (b) tal-Kap 101 tal-ligjiet ta Malta jipprovdi s-segwenti: -

> *8.Ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min –*
> *(a) ikollu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transituminn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-rażameħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijietli jkollhom bħala bażi din ir-raża; jew*
> *(b) jipproduċi, ibigħ jew xort'oħra jittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;*

Waqt li l-ligi ukoll taghti definizzjoni tal-kelma traffikar fl-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta Malta

> *22 (1) (B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha)b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni,f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-*

*amministrazzjoni, il-provvista,li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksurta' din l-Ordinanza.*

Issa fit-tieni Kap ta l-Akkuza fil-parti taht l-intestatura 'fatti' hemm miktub li ' *l-akkzuat Stephen Portelli ghabba zewg pakketti kontinenti basktijiet mimlija droga raza mimlija droga raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis gewwa l-vettura teighu Maruti Gypsy ahmar bil-pjanci ta registrazzjoni LCI 545 u beda igorr dinid-droga minn Delimara ghal post miftiehem ma terza persuna. Fortunatament din id-droga instabet mill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet u tfittxijiet illi saru rigward il-mertu tal-kaz odjern.'*

Filwaqt fit-tielet kap tal-akkuza fil-parti that l-intestatura 'fatti' hemm indikat li *"…Illi wara li sar stharrig duq din l-istess vettura mill-pulizija fil-presenza tal-akkuzat Stephen Portelli instabu zewg pakketti imgezwrin b'tape kannella li meta inethu irrizulta li kienu basktijit mimlija droga suspettata raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis. Fihom kien hemm sitta u tlettin (36) blokka ta' lewn kannella li l-piz net totali kien ta ghoxrin eld, tmien mija u sebgha u tlettin gramma punt tmienja hamsa (20,837.85 grammi)."*

Ili filwaqt li huwa minnu li din id-deskrizzjoni tal-fatti ma tirrifletti il-kliem tal-ligi kif indikat supra pero il-gist xorta wahda qieghed hemm u l-akkuzat jaf ezatt biex qed jigi akkuzat. Kif gie ritenut fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel sive Leli Camilleri:** [3]

> *'...dak li l-ligi trid hu li "r-reat jigi deskritt fis-sustanza, jigifieri fl-elementi essenzjali tieghu, bl-istess mod bhal ma hu deskritt fil-ligi, u mhux necessarjament li jintuzaw l-istess kliem ezatti li hemm fil-ligi jew kull kelma li hemm fil-ligi".*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-6 t' Ottubru, 2003

Ghalhekk fejn kap f'att ta' akkuza jallega reat li ma jezistix fil-ligi taghna, dak il-kap huwa null. Izda fejn reat li jezisti fil-ligi taghna ma jigix deskritt akkuratament, izda "*fis-sustanza*" tali kap jiddeskrivi r-reat in kwistjoni, allura dak ma jgibx in-nullita` izda, ghall-fini ta' aktar kjarezza, tista' tigi ordnata korrezzjoni mill-Qorti. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi, in-narrativa tal-Avukat Generali ma torbotx u, xi haga li tirrigwardja fatt trid tigi determinata mill-imhallfin tal-fatt u cioe' mill-gurati.Mhemmx dubbju li fil-parti narattiva ta dawn iz-zewg akkuzi il-proskeuzzjoni stqarret li l-akkzuat kien fil-pusess ta ammont sotanzjali ta droga u li kien hemm xi forma ta attivita ta' traffikar ta' droga bejn l-akkzuat u terza pesuna ( raza Cannabis) liema ammont jindika li ma kinitx destinata ghall-uzu personali tieghu izda li kient destinate ghad distribuzzjoni.

Din il-Qorti jidrilha illi kif diga gie ritenut, l-akkuzat jaf ezatt dwar xix qieghed jigi akkuzat u ghalhekk qedgha tichad it-tieni u tielet eccezzjonijiet tal-akkuzat.

Fir-**raba' eccezzjoni tieghu** l-akkuzat jiddikjara mighajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti ghandhom jitnehhew mit-tlett kapi ta l-Att tal-Akkuza r-referenza ghall-artikoli 28A, 28B, 28C, 28D, 28E, 28F , 28G u 28H u 49 tal-Kodici Kriminali in kwantu fl-ewwel lok ma giex akkuzat fl-istess kapi li kkommetta reat fil-perijodu operttiv ta' sentenza sospiza jew bir-recidiva u fit-tieni lok ghaliex is-sentenza li ghaliha presumilment qed issir referenza ghaddiet in gudikat fis-6 ta' Dicembru, 2016 u cioe wara l-perijodu indikat fil-parti narattiva tal-kapijiet rispettivi ta' l-att ta' l-akkuza.

Illi minn qari tal-ewwel tlett Kapi ta' l-Akkuza jidher li l-akkuzat qed jigi akkuzat li kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u dan peress illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru 2014 , huwa kien gie misjub hati ta' offiza gravi fuq il-persuna u hsara volontarja ta' hwejjeg haddiehor u nghata piena ta' tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal tlett snin. Din is-sentenza tinsab esebita fl-atti mill-eks Spettur tal-pulizija Herman Mula umarkata bhala dok XYZ nhar l-24

ta' April 2018[4] kif ukoll mir-Registratur tal-Qorti Eunice Grech Fiorini [5]. Mix-xhieda ta' din ix-xhud ahharija jirrizulta li l-appell minn din is-sentenza kien gie dikjarat dezert u ghalhekk ghandu jitqies kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fir-risposta tieghu li dan ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma gie intavolat appell mill-akkuzat u ghalhekk is-sentenza kienet giet res judikata dakinhar li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar is-6 ta Novembru 2014. Ghalkemm il-perijodu operattiv taghha kien jiskadi fis-7 ta Novembru 2017 u cioe wara tlett snin. Ir-reati imsemmija fil-Kapi tal-Akkuzi sehhew fil-perijodu ta bejn l-10 ta April 2015 u fil-granet ta' qabel din id-data. Ghalhekk dawn sehhew proprju fil-perijodu operattiv ta din l-istess sentenza.

Għaldaqstant il-Qorti qed tichad l-eċċezzjoni tad-difiża.

Fil-**hames eccezzjoni** l-akkuzat jecepixxi li l-inammisbilita tax-xhieda u tar-relazzjonijiet ta' Martin Bajada u Godwin Sammut konnessi mal-inkjesta magisterjali bin-numru 11/2015 in kwantu ghalkemm jidher li gew nominati mil-Magistrat Inkwirenti ma inghataw ebda inkarigu.

Li skont l-artikolu 650 tal-Kap 9, għandhom jinħatru esperti f'dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett. Skont is-subinċiż (5) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti. Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap 9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti meta jkun hemm bżonn.

Fil-każ tal-espert l-Ispiżjar Godwin Sammut, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Godwin Sammut normalment jinħatar espert (jew hu jew l-analista Godwin Sammut, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l-esperti jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-

[4] Vide fol. 317 ta' l-atti processwali)
[5] Fol. 404 tal-process.

droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta' xi analiżi oħra, bħalma jista' jiġri matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja. Ma jidhirx li dan l-espert qatt tqabbad għal xi analiżi tad-demm jew biex jagħmilha ta' espert ballistiku jew tal-elettriku. Illi l-hatra ta' espert ggib maghha margini ta' diskrezzjoni sabiex dak l-espert ikun jista' jespleta l-inkargu[6]. Xejn ma jzomm lill-Inkwirenti jew lill-Magistrat Istruttur li imbaghad jaghti direttiva specifika lill-espert fil-mansjoni ta' dik in-nomina jekk ihoss li huwa necessarju. Għalhekk l-Ispiżjar Godwin Sammut meta jinħatar mill-Maġistrat Inkwirenti jaf sew x'inhu l-inkarigu primarju tiegħu u m'għandu għalfejn jippreżumi xejn għax huwa esperti f'qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien sew ilu – u għadu hekk s'issa – huw wiehed mill-uniċi esperti li jinħatar għal dan il-għan jiġifieri għall-analiżi u l-użin tas-sustanza. Illi dak li inghad fir-rigwardl-spert Godwin Sammut japplika mutatis mutanda ghall-espert Dr Martin Bajada li huwa espert fit-telefonija u Infomatika. Huwa wiehed miz-zewg esperti li jigu nominati ta' sikwit mill-Qrati nostrana taghna u ilu jigi hekk nominat ghal ghexiren ta' snin. Ghalhekk dubbju dwar in-nomina tieghu zgur li m'ghandux jkun hemm. Fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert l-Ispiżjar Gowin Sammut u Dr Matin Bajjada li jidhru mal-lista ta' esperti li għażel il-Maġistrat Inkwirenti. Din il-hames eccezzjoni qd tigi respinta ukoll.

Dwar is-sitt eccezzjoni l-akkuzat jitlob li jitnehhew id-dikjarazzjonijiet dwar '*glied*' maghmula mill-esponent fl-istqarrijiet tieghu in kwantu ma hemm ebda konnessjoni mal-kaz in desamina.

Il-Qorti esaminat l-atti u minn ezami tal Kapi tal-Akkuzi li ma hemm l-ebda kap tal-akkuza li ghandha x'taqsam ma xi allegat glieda. Illi huwa indubitat illi salv għal dak li jipprovdi l-artikolu 459A tal-Kodiċi Kriminali, waqt il-guri m'ghandhomx jissemmew l-anteċedenti penali tal-persuna akkużata kif lanqas għandha issir referenza għal karattru ħażin tiegħu jew xi każijiet li huwa **seta' kellu jew għandu pendenti** fil-konfront tiegħu, u l-Imħallef togat għandu jagħti direzzjoni f'dan is-sens

[6] Vide Republika ta' Malta vs Francis Grech deiz 19 ta Settembru 2011

matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.[7] Għaldaqstant, sabiex ma jkun hemm ebda biża' li l-akkużat jsofri minn xi preġudizzju, ikun għaqli illi id-dikjarazzjonijiet dwar '*glied*' maghmula mill-esponent fl-istqarrijiet tieghu ma tigix moqrija lil gurati waqt ic-celebrazzjoni tal-guri u ghalhekk ghandha tigi kancellata mill-istqarrija tieghu una volta l-gurati jinghataw kopja tal-istqarrija li irrilaxja l-akkuzat nhar il-11 ta' April 2015.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi milqugha.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames eccezzjoni u tilqa' is-sitt eccezzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

[7] Vide Republika ta' Malta vs Yurgen Fenech deciz nhar id-9 ta Diembru 2022 mill-Qorti Kriminali